



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni Nru 2656/2013, imressqa minn Silvio Basileo, ta' ċittadinanza Taljana, dwar il-proġett "CASE" f'L'Aquila

1. Sommarju tal-petizzjoni

Bħala riżultat tat-terremot gravi li laqat lil L'Aquila fis-6 ta' April 2009, ittella' bini permezz tal-proġetti "CASE" u "MAP" bil-għan li jipprovdu kenn temporanju għall-ispostati.

Tħallsu somom kbar allokati mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) sabiex tinbena dawn l-alloġġi.

Il-petizzjonant jirrapporta li l-Protezzjoni Ċivili, li kienet qiegħda taġixxi bħala l-Awtorità Kontraenti, kriet il-bjut tal-bini għal 20 sena lill-kumpaniji privati għall-installazzjoni ta' 148 sistema fotovoltajka. Dawn jipproduċu 5,5 miljun kwh enerġija elettrika fis-sena, li tiddaħħal fin-netwerk u tinbiegħ bi qligħ sostanzjali fis-suq tal-ittestjar.

Il-petizzjonant joġġezzjona għal din is-sitwazzjoni, fejn jiddikjara li huwa jħoss li dan imur kontra l-użu soċjali tal-fondi mogħtija mill-Unjoni Ewropea u jitlob, fost l-oħrajn, li l-enerġija elettrika kkonċernata tintuża għall-konsum mill-vittmi tat-terremot abbażi ta' prezzijiet soċjali.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-24 ta' Ottubru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet taġti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Wara t-terremot tal-2009 fir-reġjun tal-Abruzzo l-Kummissjoni tat kontribuzzjoni finanzjarja

lill-Italja mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) li tammonta għal EUR 493,8 miljun biex tkopri parti mill-kostijiet tal-operazzjonijiet tal-emerġenza u ta' rkupru konsegwenza tad-diżastru. L-awtoritajiet Taljani responsabbli mill-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni FSUE (jiġifieri d-Dipartiment Nazzjonali tal-Protezzjoni Ċivili) iddeċieda li juża parti sostanzjali tal-kontribuzzjoni għall-alloġġi tal-popolazzjoni li sfat mingħajr dar kaġun tat-terremot. Skont ir-rapport tal-implimentazzjoni ppreżentat mill-awtoritajiet Taljani lill-Kummissjoni, il-proġett C.A.S.E. kien l-ikbar proġett ta' alloġġi għall-vittmi tat-terremot b'kost totali ta' l fuq minn EUR 810 miljun. Il-FSUE kkontribwixxa EUR 350 miljun favur il-proġett C.A.S.E. L-akkomodazzjoni fil-bini C.A.S.E. ngħatat lill-vittmi tat-terroment mingħajr kera.

Wara li ntemmew il-fażi tal-kostruzzjoni u l-intervent tad-Dipartiment Nazzjonali tal-Protezzjoni Ċivili fl-Abruzzo, is-sjeda u r-responsabbiltà tal-bini C.A.S.E. ngħataw lill-awtoritajiet lokali ta' L'Aquila.

Ir-Regolament tal-Kunsill 2012/2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ma jeskludix il-possibbiltà li Stat benefiċjarju jagħmel użu minn struttura kofinanzjata mill-FSUE biex ikopri il-kostijiet operattivi jew biex jgħin ikopri nefqa oħra akargu tal-Istat bħala konsegwenza tad-diżastru.

Wara l-valutazzjoni pożittiva tar-rapport tal-implimentazzjoni dwar l-użu tal-FSUE fl-Abruzzo, u wara l-għeluq ta' awditu dwar l-intervent mill-Kummissjoni, l-intervent tal-FSUE ngħalaq formalment fil-25 ta' Settembru 2013.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pożizzjoni tal-awtoritajiet Taljani ma tiksirx ir-regoli dwar l-intervent tal-Fond ta' Solidarjetà u ma tistax, għal din ir-raġuni, tintervjeni fisem il-petizzjonant.